XEWKIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**Laqgħa Nru. *49/2016***

Data: It-Tnejn, 13 ta' Ġunju 2016

Hin: 6.00 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

---

Preżenti:
*Sur Paul Azzopardi – Sindku*
*Sur Domenic Zerafa – Viċi Sindku*
*Sra Jeanelle Attard – Kunsilliera*
*Sur George Zammit – Kunsillier*
*Sur Hubert Saliba - Kunsillier*

*Sna Odette Camilleri – Agent Segretarju Ezekuttiv*

Skużati: n/a

Assenti: n/a

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Kummunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mili ta' post ta' Seg. Eżekuttiv;
6. Ġemellaġġ;
7. Talba mill-Asst. Principal għal *full time*;
8. Materji oħra
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
10. Aġġornament.

## Minuti – *48/2016*

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti tal-laqgħa 48/2016 ġew approvati u ffirmati fil-preżenza tal-membri.

### 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Ma tqajmu ebda punti mill-minuti

### 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi l-Kunsill hu mistieden uffiċċjalment mill-Ministeru għal Għawdex għal ftuħ uffiċċjali ta' l-esebizzjoni 'Ħidmietna' li ser tkun imtella' fis-Sala ta' l-Esebizzjonijiet fi Triq Santa Katerina. *Esebizzjoni 'Hidmietna'*

### 4. Korrispondenza

4.1 Ittra mill-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq sabiex il-Kunsill jibgħat biografija tas-Surmast Joseph Vella u ta' l-iskultur Toni Camilleri. Il-membri qablu li l-biografija tas-Surmast Vella għandha tintalab minn għand l-Għaqda tal-Banda waqt li s-Sur Hubert Saliba għandu jgħaddi l-biografija ta' l-Iskultur Camilleri lil Kunsill. *Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq*

4.2 Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2016. Il-Kunsill ġie infurmat li ser jingħata € 2,000 bħala għajnuna għal attivita' Fiori d'Arġenta. *Fiori d'Argenta*

4.3 Il-membri qablu sabiex jitella' programm mużikali b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta' Filarmonika Prekursur fil-21 ta' Ġunju 2016. *Programm Mużikali*

4.4 L-Aġent Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi l-*Wasteserv* bagħtu proposta kif għandu jinġabar l-iskart organiku. Il-membri qablu ma' din il-proposta. *Wasteserv*

4.5 Ittra minn Transport Malta fejn il-Kunsill ġie infurmat li s-Sur Michael Cohen ser ikun l-*affairs coordinator* fuq il-Kunsilli. Il-membri qablu li għandha tintbgħat ittra sabiex jifirħulu tal-kariga. *TM Affairs coordinator*

### 5. Mili ta' post ta' Segretarju Eżekuttiv

5.1 Il-membri qablu li għandu jinbeda l-proċess sabiex toħroġ is-sejħa għal Seg. Eżekuttiv. *Sejħa għal Seg. Eżekuttiv*

### 6. Ġemellaġġ

6.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi l-ġemellaġġ ma' Ragusa ġie pospost peress li Ragusa iltaqgħu ma' xi problemi u l-Kunsill għadu qed jistenna l-approvazzjoni tad-Dipartiment għal Gvern Lokali u l-Ministeru tal-Finanzi. *Gemellaġġ*

### 7. Talba mill-Asst. Prinċipal għal *full time*

| | | |
|---|---|---|
| 7.1 | Il-membri qablu unanimament ma din it-talba u dan wara li ġie vverifikat mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali | *Asst. Prinċipal* |

## 8. Materji Oħra

| | | |
|---|---|---|
| 8.1 | Is-Sur Saliba talab sabiex jibdew jisaqqew ix-xtieli ta' wara l-Knisja. Il-membri qablu. | *Xtieli* |
| 8.2 | Il-Viċi Sindku propona li jitneħħew il-qsari li hemm f'tal-Ħniena. Is-Sindku propona li minflok jitpoġġew fejn il-monument jew fejn kien hemm il-*bring in sites* fi Triq Widnet il-Baħar. Il-membri qablu. | *Qsari fi Triq tal-Ħniena* |
| 8.3 | Il-membri qablu li għandha titħallas il-polza ta' assigurazzjoni biex issir il-Festa ta' San Gwann Battista. | *Polza ta' Assigurazzjoni* |
| 8.4 | Is-Sna. Attard proponiet li l-Kunsill għandu jissuġerixxi lil Kumitat sabiex it-Tigrijiet taż-Żwiemel tibda' ssir fil-għaxija u dan minħabba d-drittijiet ta' l-Annimali u sabiex ikun hemm aktar konkorenza. Il-membri ma' qablux peress li l-Kunsill ma' għandux sehem fl-organizzazjoni tat-Tiġrijiet. | *Tiġrijiet taż-Żwiemel* |
| 8.5 | Sabiex jibda' jintrama il-monti fi Triq Widnet il-Baħar, il-membri qablu li għandha ssir laqgħa mal-bejjiegħa tal-monti u l-Kunsill jieħu parir minngħand Kunsilli oħra. Is-Sur Zammit propona sabiex tintbgħat ittra lir-residenti ta' l-inħawi f'dan ir-rigward. Il-membri ma qablux. | *Monti* |
| 8.6 | Is-Sur Saliba ġibed l-attenzjoni li s-*slide* tal-*playhouse* tal-*playing field* tal-Barmil inkisret. Il-membri qablu li għandha tissewwa. | *Playing field* |
| 8.7 | Is-Sindku propona biex teħel mera mal-koxxa taċ-Ċentru Parokkjali tħares lejn Triq San Żakkarija. Il-membri qablu. | *Mera tat-traffiku* |
| 8.8 | Is-Sur Zammit propona sabiex issir talba lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex il-mera li tkissret fi Triq l-Imgarr fejn il-*farm* tal-Gvern terġa ssir. | *Mera tat-traffiku* |
| 8.9 | Is-Sur Saliba talab sabiex jinbidel il-globu li tkisser wara l-Knisja. Il-membri qablu. | *Globu* |
| 8.10 | Is-Sur Zammit propona sabiex il-bozzoz tal-fanali tal-Pjazza ikunu kollha ta' l-istess kulur. Il-membri qablu. | *Fanali tal-Pjazza* |
| 8.11 | Ilment li qed jintrema skart illegali fejn il-*Bring In Sites* ta' Blankas. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li għandha tiġi installata CCTV Camera. | *CCTV Camera* |

## 9. Approvazzjoni tal-Pagamenti

9.1 Iċ-ċedola ta' pagamenti ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija. Laqgħa oħra ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Lulju 2016 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

***Paul Azzopardi***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Odette Camilleri***
Aġent *Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***22 ta' Lulju 2016***